MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 381/2003

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-P.L. Paul Saliba nominati kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Elisa sive Elizabeth Genuis.**

**vs.**

**Salvatore Cassar u b'digriet ta' l-20 ta' Settembru 2004 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Victoria armla Cassar, Philip u George, ahwa Cassar, *stante* l-mewt ta' Salvatore Cassar.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' April 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur gie nominat kuratur flimkien mal-P.L. Paul Saliba biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta’ Elisa sive Elizabeth Genuis.

Illi din l-eredita` tippossjedi kwantu ghal hamsa minn sitta (5/6) l-ghalqa ‘Tal-Blat’, limiti ta’ Hal Qormi, identifikata bl-ittra A u C fuq il-kuntratt tal-15 ta’ Mejju 1998, filwaqt li r-rimanenti sest jappartjenu lil terzi.

Illi f’dawn l-ahhar xahrejn l-atturi saru jafu illi l-konvenut Salvatore Cassar abbuzivament u illegalment qabad u fetah bieb ghall-ghalqa u ghamel *wire fencing* bl-arbli fl-istess ghalqa u dan minghajr il-kunsens ta’ l-atturi.

Billi dan jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin meta abbuzivament u illegalment qabad u fetah bieb ghall-ghalqa deskritta fil-kuntratt tal-15 ta’ Mejju 1998 u ghamel *wire fencing* bl-arbli fl-istess ghalqa u dan minghajr il-kunsens ta’ l-atturi u *ad insaputa* taghhom;

2. Tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti jirriprestina kollox ghall-istat li kien qabel billi jnehhi l-bieb li fetah ghall-imsemmija ghalqa u jnehhi l-*wire fencing* bl-arbli li huwa ghamel fl-istess ghalqa u jirranga l-hsara.

3. Tawtorizza lill-atturi biex, fin-nuqqas, jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma stess a spejjez tal-konvenut .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni. B’riserva ta’ kull azzjoni ohra.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti datat 20 ta’ Gunju 2003 kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel

Cuschieri fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghall-25 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvatore Cassar tas-16 ta’ Settmbru 2003 a fol 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi ma gie effettwat ebda spoll vjolenti u klandestin skond il-**Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, fil-konfront ta’ l-atturi;

2. Illi f’kwalsiasi kaz, l-azzjoni attrici hija *fuori termine,* in kwantu saret wara l-perijodu ta’ xahrejn moghti mill-Ligi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 25 ta’ Novembru 2003 fejn inghata digriet affidavits attrici,

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 23 ta’ Frar 2004 fejn gew pprezentatati l-affdavits ta’ **Mary Baldacchino** u **Mary Josephine maghrufa bhala Maphine St. John** rispettivament a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat il-verbal tat-23 ta’ April 2004 fejn Dr. Anna Mallia ghall-attur pprezentat zewg ritratti b’nota ta’ l-istess data ndikati bhala Dok. “A” u “B” a fol. 20 tal-process; tat-2 ta’ Gunju 2004 fejn xehed **Dr. Tonio Azzopardi** u esebixxa d-dokumenti bhala Dok. “TA 1” sa Dok. “TA 5” minn fol. 25 sa fol. 51 tal-process u l-atturi ddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed; u tas-16 ta Gunju 2004;

Rat in-nota ta’ **George Cassar** datata 16 ta’ Settembru 2004 fejn gew esebiti l-**affidavits tieghu**, ta’ **Maria Victoria Cassar**, ta’ **Margaret Debono**, ta’ **Sebastian Mercieca**, ta’ **Mario Balzan**, ta’ **Francis Abela** u ta’ **Michael Bonello** kollha datati 13 ta’ Settembru 2004 minn fol. 53 sa fol 60 tal-process.

Rat ir-rikors u d-dokumenti mehmuza ta’ Maria Victoria Cassar datat 10 ta’ Settembru 2004 a fol 61 sa 65 tal-process fejn talbet lill-Qorti biex joghgobha tordna t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f’isem Maria Victoria Cassar bhala uzufruttwarja tal-beni tal-mejjet zewgha Salvatore Cassar u f’isem Philip u George ahwa Cassar bhala eredi universali tal-mejjet missierhom Salvatore Cassar u l-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba bid-digriet taghha tal-20 ta’ Settembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta’ Ottubru 2004; tat-12 ta’ Jannar 2005 fejn xehdet **Maria Victoria Cassar** (fol 69 sa 72); tal-25 ta’ Frar 2005 fejn xehdet **Mary Baldacchino** u **Mary Josephine St. John** (fol 75 sa 79) u fuq talba tal-konvenuti l-Qorti nnominat lill-Perit Alan Saliba a spejjez tal-konvenuti bl-inkarigu specifiku biex jaccedi fuq l-post indikat fir-ritratti a fol. 21 u 22 tal-process u jezamina l-bieb kulur kannella car li jidher fuq ir-ritratti u jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwar l-allegazzjoni konvenuta li dak il-bieb ilu hemm cirka sitta u ghoxrin sena, b’dan li l-istess Qorti diversament presjeduta ordnat li l-perit ma ghandux fakolta’ jisma’ x-xhieda bil-gurament; tas-6 ta’ April 2005 fejn Dr. Saliba nforma l-Qorti li l-unika xhud li kien fadlilhom kien dak ta’ Romina Cassar; tas-17 ta’ Mejju 2005 fejn il-Perit Alan Saliba kkonferma r-relazzjoni tieghu.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku pprezentat fil-25 ta’ April 2005 u mahluf fis-17 ta’ Mejju 2005 a fol 87, l-istess rapport esebit minn fol. 86 sa fol. 97 tal-process.

Rat il-verbali tal-15 ta’ Gunju 2005 u tat-2 ta’ Novembru 2005 fejn *inter alia* Dr. Tonio Azzopardi rtira t-talba tieghu ghall-periti perizjuri u xehdet **Romina Cassar** (107 sa 110) u l-konvenuti ddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed u l-partijiet inghataw il-fakolta’ li jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet fejn kellu jibda l-attur; tas-6 ta’ Dicembru 2005 fejn Dr. Tonio Azzopardi talab estensjoni taz-zmien ghall-prezentata tan-nota tieghu.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' l-attur Dr. Tonio Azzopardi *nomine* datata 7 ta' Dicembru 2005 (fol 112)

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta datat 9 ta' Frar 2006 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2006.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti datata 9 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### A. <u>PRINCIPJI LEGALI</u>

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, bbazati fuq l-**artikolu 534 tal-kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati s-segwenti principji u cjoe' li:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`,

izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi abbazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Illi hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9 ta' Marzu 1992).

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-
"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. (A.M.) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12 ta' April 1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994) gie riaffermat li:-

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir *"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkonmbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP);

**“Carmelo Fenech vs Joseph Vella”** (P.A. RCP. 3 ta’ Ottubru 2000); **“Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri”** (P.A. RCP 25 ta’ Ottubru 2000); **“Clive Simpson vs Louis Muscat et”** (P.A. 13 ta’ Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **“Neville Xuereb vs Raymond Aquilina”** (P.A. RCP 14 ta’ Marzu 2001); **“Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine”** (P.A. 14 ta’ Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **“NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine”** (P.A. 14 ta’ Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **“Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma”** (P.A. RCP 26 ta’ April 2001); **“Mark Napier vs Andre` Bianchi”** (P.A. 26 ta’ April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **“Michael Fenech vs Licari Estates Limited et”** (P.A. 26 ta’ April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u “**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**” (P.A. 12 ta’ Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u **“Joseph Aquilina vs Gordon Gerada”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002) u **“Joseph Aquilina vs Paul Calleja et”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002) fost ohrajn. Tali principji gew ukoll ikkonfermati bis-sentenza **“Fal-con Limited u C & F Enterprises Limited vs Andre’ u Maria konjugi Vassallo”** moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar 2006 (Citaz. Numru 972/1997/RCP).

**(B). APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-atturi fil-kwalita’ taghhom premessa ghamlu din il-kawza peress li allegaw li dakinhar kien il-konvenut Salvatore Cassar kien ikkommetta spoll fil-konfront taghhom u dan peress li allegaw li *“l-konvenut Salvatore Cassar abbuzivament u illegalment qabad u fetah bieb ghall-ghalqa u ghamel wire fencing bl-arbli fl-istess ghalqa u dan minghajr il-kunsens ta’ l-atturi”.*

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut datati 16 ta’ Settembru 2003 jghidu li ma gie kommess ebda spoll, izda fi kwalunkwe kaz l-azzjoni saret *fuori termine* in kwantu saret wara perjodu ta’ xahrejn moghti mill-ligi; fid-dikjarazzjoni tieghu l-istess konvenut Salvatore Cassar, illum mejjet, sostna pero’ li l-bieb imsemmi fic-citazzjoni attrici kien ilu miftuh ghal 26 sena, mentri l-*“wire fencing*

*bl-arbli tnehhew fix-xahar ta' April ta' din is-sena u cjoe' ftit aktar minn xahar li kienu tpoggew u dan meta l-esponenti rcieva struzzjonijiet f'dan is-sens mill-Awtorita' tal-Ippjanar".*

Illi ghalhekk fit-tieni parti, dik in konnessjoni mal-*wire* hemm ammissjoni li kien sehh l-ispoll izda li l-konvenut kien regggha l-affarijiet lura proprju meta nfethet l-azzjoni attrici, fix-xahar ta' April 2003 u qabel allura ma' gie notifikat l-konvenut bic-citazzjoni attrici fis-27 ta' Awissu 2003 *(a tergo fol.8).*

Illi dwar il-kwistjoni ta' meta infetah il-bieb huwa veru li fl-affidavits taghhom Mary Baldacchino u Mary Josephine maghrufa bhala Maphine mart Henry St. John jghidu li indunaw bl-istess bieb fis-sena 2004, u mbaghad ikkoregew dan ghas-sena 2003 (fix-xhieda taghhom tal-25 ta' Frar 2005), pero' din il-Qorti thoss li l-provi prodotti juru li l-istess bieb kien ilu li infetah hafna qabel u dan kif jinsab ikkonfermat u korroborat mix-xhieda ta' George Cassar, bin Salvatore Cassar, Maria Victoria Cassar, l-armla tal-konvenut Salvu Cassar, Margaret Debono u Sebastian Mercieca, girien tar-raba' ndikata, Mario Balzan u Francis Abela neputijiet tal-konvenut, u ta' Michael Bonello, ir-ragel ta' oht il-mara tal-konvenut, li kollha xehdu li l-istess bieb kien ilu miftuh minn meta inbniet l-istess dar mill-konvenut u dan ilu mas-sitta jew sebgha u ghoxrin sena.

Illi fuq kollox ix-xhieda ta' Mary Baldacchino meta infetah dan il-bieb hija wkoll inkonsistenti ghaliex fix-xhieda taghha in kontro-ezami fil-25 ta' Frar 2005 l-ewwel qalet li kienet marret l-ghalqa tliet snin qabel id-data ta' l-allegat spoll u sostniet *"minn fejn kont stajt nara l-bieb in kwistjoni"* – ghalkemm ftit wara fl-istess xhieda qalet li ma kien hemm ebda bieb.

Illi minbarra dan fir-relazzjoni teknika tal-Perit Arkitett Alan Saliba jikkonferma li l-fetha tal-bieb giet iffurmata fl-istess zmien li nbena l-hajt ta' wara tal-fond tal-konvenuti u fil-fatt l-istess perit tekniku jikkonkludi, wara li ghamel il-konstatazzjonijiet tieghu li *"l-fetha tal-bieb in kwistjoni giet*

*iffurmata fil-perjodu ta' zmien li jigi matul jew wara l-bini tal-hajt li tinsab fih u qabel il-konkos tas-saqaf tal-garaxx tal-konvenuti. Ghalhekk il-fetha tal-bieb inkwistjoni giet iffurmata f'dan il-perjodu u cjoe' fil-fazi ta' kostruzzjoni tal-garaxx tal-konvenuti";* f'parti ohra l-istess perit tekniku jghid hekk fil-hames paragrafu tar-relazzjoni tieghu:-

*"L-esponent jeskludi li dan il-hajt inbena zmien wara li nbena l-garaxx tal-konvenuti".*

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-konkluzjonijiet ohra raggunti mill-istess espert tekniku li jindikaw li l-istess bieb kien ilu li nfetah u hawn il-Qorti tirreferi ghall-paragrafi 6 sa 9 tar-relazzjoni peritali fejn abbazi ta' l-istess, l-istess espert tekniku kkonkluda bl-iktar mod kategoriku li l-fetha tal-bieb fil-kwistjoni saret fl-istess zmien li sar il-bini tal-garaxx tal-konvenuti, u ghalhekk abbazi ta' dan kollu l-azzjoni attrici ta' spoll fejn jirrigwarda l-bieb li jaghti mill-bitha tal-konvenuti ghall-ghalqa ta' l-atturi li tinsab fuq wara tal-garaxx tal-konvenuti, ma tistax tintlaqa' ghaliex saret *fouri termine.* Fil-fatt tali kawza saret hafna wara x-xahrejn indikati fil-ligi.

Illi dwar il-*wire fencing* jidher li l-istess konvenut kien ammetta li dawn kienu saru, izda tnehhew minnu f'April tas-sena 2003, meta nfethet ic-citazzjoni attrici u qabel ma gie notifikat il-konvenut u peress li dan ma giex ikkontestat, din il-Qorti f'dan il-kuntest tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba attrici fejn jikkoncerna l-istess *wire fencing* peress li dan effettivament tnehha.

Illi ghal dak li huwa l-kap ta' l-ispejjez jinghad li fil-fatt jirrizulta li dan il-*wire fencing* sar fi Frar 2003 u mhux f'Marzu 2003 u dan peress li l-Avukat Dr. Anna Mallia kienet gja kitbet lill-konvenut Salvu Cassar dwar l-istess b'ittra datata 13 ta' Frar 2003, u ladarba dawn il-*wires* tnehhew f'April 2003, dan kien vicin sew it-terminu ta' l-azzjoni ta' spoll li huwa perjodu ta' dekadenza u l-atturi fil-fatt fethu l-kawza fil-11 ta' April 2003, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-konvenuti ghandhom ibatu parti mill-ispejjez tal-kawza ghaliex irrizulta li kkommettew spoll limitatament

dwar il-*wire fencing* u l-arbli hemm indikati, liema spoll gie mnehhi fil-mori tal-kawza.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut biss inkwantu l-istess hija diretta ghall-ftuh ta' bieb ghall-ghalqa "Tal-Blat", limiti ta' Hal Qormi, **tilqa' l-ewwel talba attrici biss fis-sens hawn deciz, fil-waqt li minhabba dak premess tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin meta abbuzivament u illegalment qabad u ghamel *wire fencing* bl-arbli fl-istess ghalqa fuq deskritta, izda tichad l-istess l-ewwel talba ghall-kumplament *stante* li fil-kuntest tal-bieb imsemmi l-istess azzjoni ta' spoll ricenti u privilegjat saret *fuori termine*.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-tieni talba *stante* li l-istess *wire fencing* u arbli tnehhew fil-mori tal-kawza.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress li kif gja inghad l-istess *wire fencing* u arbli tnehhew fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------